MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2288/2004

**First Finance Group u b'digriet ta' l-10 ta' Dicembru 2004 flok il-kliem "First Finance Group" ghandhom jidhru l-kliem "First Insurance Brokers Ltd"**

**Vs**

**Sandro Cilia**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm195.64 (mija hamsa u disghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) dovuti bhala premium.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-15 ta’ Dicembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-24 ta’ Jannar 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------